2024/1492

27.5.2024

DEĊIŻJONI (UE) 2024/1492 TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tat-22 ta' Mejju 2024

li taħtar żewġ imħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 253 u 255 tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati ta' tlettax-il Imħallef u ħames Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja ser jiskadu fis-6 ta' Ottubru 2024. Jenħtieġ li jkun hemm ħatriet biex jimtlew dawn il-karigi għall-perjodu li jibda mis-7 ta' Ottubru 2024 u li jiskadi fis-6 ta' Ottubru 2030.

(2) Is-Sur Massimo CONDINANZI u s-Sa Ramona FRENDO ġew proposti għall-ewwel mandat bħala Mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja.

(3) Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni favorevoli dwar l-idoneità ta' dawn il-kandidati għall-qadi tal-funzjonijiet ta' mħallef tal-Qorti Ġustizzja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni li ġejjin għandhom jinħatru Mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-perjodu mis-7 ta' Ottubru 2024 sas-6 ta' Ottubru 2030:

— is-Sur Massimo CONDINANZI,

— is-Sa Ramona FRENDO.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2024.

Il-President

D. VAN DE VOORDE